PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

18.10.2007 PE396.530v01-00

EMENDI 1-28

Abbozz ta' rapport **(PE392.299v01-00)**
Ioannis Varvitsiotis
Il-protezzjoni diplomatika u konsulari taċ-ċittadin ta' l-Unjoni fil-pajjiżi terzi
(2007/2196(INI))

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 1
Premessa C

C. billi madankollu, minħabba l-isplużjoni tan-numru ta' ċittadini ***nisa u rġiel*** ta' l-Unjoni li jivvjaġġaw - 180 miljun biljetti tat-trasport mibjugħa fl-2006 - jew li joqogħdu barra mill-Unjoni, il-preżenza Ewropea permezz tad-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea tista' tiġi meqjusa fi sforz komuni ta' reċiprokar ta' riżorsi sabiex jiġu kumpensati l-limitazzjonijiet tan-netwerks konsulari u diplomatiċi fl-Istati Membri,

Or. de

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 2
Premessa D

D. billi f'dan il-qasam l-acquis communautaire huwa żviluppat ftit u huwa limitat biss għad-deċiżjoni 95/553/KE tar-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri, fil-laqgħa fi ħdan il-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni taċ-ċittadini ***nisa u rġiel*** ta' l-Unjoni Ewropea mir-rappreżentazzjonijiet diplomatiċi u konsulari[1] u għall-iskambji ta'

[1] ĠU L 314, 28.12.1995, p. 73.

informazzjoni bejn l-Istati Membri fi ħdan il-COCON, il-grupp ta' ħidma fi ħdan il-Kunsill ta' l-UE inkarigat mill-koperazzjoni konsulari u li għandu bħala objettiv l-iskambji ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki nazzjonali,

Or. de

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 3
Premessa E

E. billi l-inizjattiva tal-Kummissjoni, li permezz tal-Green Paper tagħha għandha l-ħsieb li tagħti xejra aktar konkreta lill-Artikolu 20 tat-Trattat KE (li tant huwa minsi), tħabbar id-dritt għal kull ***ċittadina u*** ċittadin Ewropew, fl-assenza ta' ambaxxata jew ta' konsulat ta' l-Istat Membru tagħhom, li jibbenefika kullimkien ***mill-protezzjoni*** diplomatika u konsulari ***taħt l-istess kundizzjonijiet li jgawdu ċ-ċittadini ta' dan l-Istat,*** stabbilita fuq il-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni,

Or. de

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 4
Premessa F Punt 1

- tkun qed tirrifletti l-Artikolu 46 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea li stabbiliet ***li kull ċittadin fit-territorju ta' pajjiż terz fejn l-Istat Membru tiegħu mhuwiex rappreżentat igawdi mill-protezzjoni*** konsulari u diplomatika ***ta' kull Stat Membru taħt l-istess kundizzjonijiet taċ-ċittadini ta' dan l-Istat***,

Or. de

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 5
Premessa F Punt 3

- tkun qed tantiċipa l-pubblikazzjoni tal-Ħames Rappport tal-Kummissjoni dwar iċ-ċittadinanza fl-Unjoni, okkażjoni tajba biex jiġu mħabbra inizjattivi ***li permezz tagħhom il-protezzjoni konsulari tkun tista' titmexxa 'l quddiem.***

Or. de

Emenda mressqa minn Ignasi Guardans Cambó

Emenda 6
Premessa G a (ġdida)

G abilli l-protezzjoni diplomatika u konsulari m'għandhiex tiġi mħallta ma funzjonijiet oħra li sikwit huma attribwiti lir-rappreżentanti konsulari fil-qasam tal-liġi ċivili, il-liġi tal-familja jew l-ordni pubblika

Or. fr

Emenda mressqa minn Ignasi Guardans Cambó

Emenda 7
Premessa H

imħassra

Or. fr

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 8
Premessa H

H. billi fil-fatt hemm differenzi fin-natura, fl-istruttura u relatati ma' l-implimentazzjoni ta' dawn il-proċeduri bejn il-protezzjoni diplomatika u dik konsulari, peress li jekk dik konsulari tista' tkun, għallinqas f'ċerti każi, obbligatorja, il-protezzjoni diplomatika dejjem kienet regolata minn setgħa diskreta, ***u għalhekk għandha ssir distinzjoni ċara bejn il-protezzjoni konsulari u diplomatika fl-istrumenti legali rispettivi***,

Or. de

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 9
Premessa I

I billi, bil-kontra, it-Trattat ta' Maastricht ta bidu għal ċittadinanza Ewropea derivata miċ-ċittadinanza ta' l-Istati Membri, ***u sabiex tiġi organizzata jkun mixtieq li tintlaħaq protezzjoni komparabbli għaċ-ċittadini kollha nisa u rġiel indipendentement miċ-ċittadinanza tagħhom***,

Or. de

Emenda mressqa minn Ignasi Guardans Cambó

Emenda 10
Premessa I

I. billi ***(tħassir)*** t-Trattat ta' Maastricht ta bidu għal ċittadinanza Ewropea derivata miċ-ċittadinanza ta' l-Istati Membri, u billi minn issa 'l quddiem, l-isforzi għandhom jarmonizzaw il-protezzjoni diplomatika u konsulari relatata bħala fażi essenzjali fil-proċedura meħtieġa biex il-pilastru JHA jiddaħħal fl-isfera Komunitarja,

Or. fr

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 11
Premessa J

J. billi minn dan il-lat, għandhom jinħolqu l-kundizzjonijiet għal reviżjoni tad-deċiżjoni ta' l-1995 (bil-għan li tiġi estiża) mingħajr telf ta' żmien ***(tħassir)***,

Or. de

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 12
Premessa L a (ġdida)

La. billi permezz tat-trattat ta' riforma jinħoloq Servizz ta' l-Affarijiet Barranin Ewropew bil-kompentenzi u r-responsabilitajiet tiegħu stess,

Or. de

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 13
Paragrafu 1

1. Japprova bis-sħiħ l-inizjattiva tal-Kummissjoni ***(tħassir) li teżamina kemm tista' tkun iggarantita protezzjoni komparabbli għaċ-ċittadini nisa u rġiel ta' l-Unjoni għal żmien twil skond l-Artikolu 20 tat-Trattat KE;***

Or. de

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 14
Paragrafu 1 a (ġdid)

1a. Jistieden lill-Kummissjoni biex titlob lis-Servizz Legali tagħha jittratta l-kwistjoni jekk it-Trattat KE jew it-Trattat UE jinkludux bażi legali għall-approssimazzjoni tar-regolamenti ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni diplomatka u konsulari;

Or. de

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 15
Paragrafu 3

3. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha, mingħajr ebda telf ta' żmien, tipproponi lill-Kunsill (apparti l-kundizzjoni li tirraporta darba kull tliet snin dwar iċ-ċittadinanza ta' l-UE, skond l-Artikolu 22 tat-Trattat KE) li *jiġu* adottati kunċetti komuni u linji gwida li jorbtu li jippermettu ***li jinħolqu standards komuni fil-qasam tal-protezzjoni konsulari***;

Or. de

Emenda mressqa minn Javier Moreno Sánchez

Emenda 16
Paragrafu 5, punt 1

- tistabbilixxi numru tat-telefown ***ta' emerġenza*** Ewropew li jkun uniku ***li jkun jidher fil-passaport taċ-ċittadini ta' l-Unjoni flimkien ma' l-Artikolu 20 tat-Trattat KE u*** li jippermetti lil kwalunkwe ċittadin Ewropew jkun konness ma' ċentru ta' l-informazzjoni li jipprovdi lilu tagħrif sħiħ fil-każ ta' sitwazzjoni kritika li tibda tmexxi l-proċess ta' protezzjoni konsulari - b'mod partikulari lista aġġornata ta' l-ambaxxati u l-konsulati ta' l-Istati Membri li huwa intitolat li jikkuntattja; ***Dan in-numru jista' jkun ċentralizzat fi Brussell u ġestit mill-Kummissjoni. In-numru għandu jkun uniku jew inkella jkellu estensjonijiet sabiex iċ-ċittadin ikun jista' jikkomunika bil-lingwa tiegħu;***

Or. es

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 17
Paragrafu 5, punt 1

- tistabbilixxi numru tat-telefown Ewropew li jkun uniku li jippermetti lil ***kull ċittadina u*** ċittadin Ewropew jkun konness ma' ċentru ta' l-informazzjoni li jipprovdi lilu tagħrif sħiħ fil-każ ta' sitwazzjoni kritika li tibda tmexxi l-proċess ta' protezzjoni konsulari - b'mod partikulari lista aġġornata ta' l-ambaxxati u l-konsulati ta' l-Istati Membri li huwa intitolat li jikkuntattja;

Or. de

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 18
Paragrafu 5, punt 2

- tqajjem kuxjenza fost il-professjonisti involuti fiż-żjarat (għal perjodu ta' żmien qasir jew twil) ta' ċittadini ***nisa u rġiel*** ta' l-UE f'pajjiżi terzi billi tqassam ktejbiet imfassla speċifikament skond il-qasam ta' l-attivita tagħhom;

Or. de

Emenda mressqa minn Javier Moreno Sánchez

Emenda 19
Paragrafu 5, inċiż 3 a (ġdid)

- ***tat-tiswir ta' rakkomandazzjoni dwar il-prattiki tajba fil-qasam tal-kitba ta' avviżi lill-vjaġġaturi, sabiex dawn ikunu miktuba b'mod ċar u mingħajr ambigwità;***

Or. fr

Emenda mressqa minn Javier Moreno Sánchez

Emenda 20
Paragrafu 5, inċiż 3 b (ġdid)

- ***tal-ħolqien ta' grupp ta' ħidma, kompost minn rappreżentanti ta' l-isitituzzjonijiet Ewropej u ta'diplomatiċi bi kwalifiki għolja minn kull Stat Membru, li jippermetti l-iskambji ta' informazzjoni dwar l-evalwazzjoni, minn kull Stat Membru, tar-riskju ta' l-ivvjaġġar f'pajjiżi terzi u sabiex jaħdem għal approċċ komuni fil-qasam ta' l-avviżi lill-vjaġġaturi.***

Or. fr

Emenda mressqa minn Simon Busuttil

Emenda 21
Punt 5, inċiż 3 a (ġdid)

- ***Titqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini ta' l-UE li jkunu qed jivvjaġġaw barra l-UE, b'mod partikulari fl-ajruporti, fil-portijiet kif ukoll permezz ta' aġenti u operaturi ta' l-ivvjaġġar, biljetti tas-safar u permezz ta' aġenziji nazzjonali involuti fl-ivvjaġġar u fit-turiżmu;***

Or. en

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 22
Paragrafu 7 inċiż 1

imħassar

Or. de

Emenda mressqa minn Tatjana Ždanoka

Emenda 23
Paragrafu 7 a (ġdid)

7a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex testendi l-protezzjoni konsulari lill-membri tal-familji ta' ċittadini Ewropej li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll lil refuġjati rikonoxxuti u persuni bla ċittadinanza u persuni oħra li m'għandhomx nazzjonalità ta' ebda pajjiż li jgħixu fi Stat Membru u li għandhom dokument tas-safar maħruġ minn dak l-Istat Membru;

Or. en

Emenda mressqa minn Ignasi Guardans Cambó

Emenda 24
Paragrafu 7 a (ġdid)

7 bis. jitlob li jittieħdu l-miżuri adegwati sabiex tiġi żgurata u msaħħa l-effettività ta' l-assistenza juridika liċ-ċittadini Ewropej f'każ ta' arrest jew detenzjoni f'pajjiż terz;

Or. fr

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 25
Paragrafu 8

8. Japprova bis-sħiħ l-inizjattiva li diġa ġiet imħabbra fir-rapport Barnier rigward it-twaqqif ta' "uffiċċji konġunti" fl-erba' zoni ta' "eżaminazzjoni" (il-Karibew, il-Balkani, l-Oċeanu Indjan u l-Afrika tal-Punent) u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex fl-istess żmien li jiġu mwaqqfa l-"uffiċċji konġunti", tniedi kampanja ta' informazzjoni mmirata lejn iċ-ċittadini ***nisa u rġiel*** ta' l-UE li joqogħdu f'dawn iz-zoni sabiex ikun żgurat li dawn jagħmlu r-reġistrazzjonijiet formali kollha meħtieġa;

Or. de

Emenda mressqa minn Javier Moreno Sánchez

Emenda 26
Punt 9, bulit 1

- fil-qasam ta' l-evalwazzjoni u l-analiżi ta' eżerċizzji u simulazzjonijiet realizzati fi ħdan il-patronaġġ ta' Stati "pilota" sabiex jinkiseb aktar titjib fil-kapaċitajiet tagħhom ta' koordinament u reazzjoni fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, ***b'ħidma favur viżibilità aħjar tal-proċeduri applikabbli fil-qasam ta' l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva ta' Stat pilota kif ukoll favur konsultazzjoni akbar mal-partijiet terzi interessati, b'mod partikulari l-persuni li jaħdmu fil-qasam tat-trasport u tat-turiżmu;***

Or. fr

Emenda mressqa minn Javier Moreno Sánchez

Emenda 27
Paragrafu 10 a (ġdid)

10 bis. Jinnota li f'diversi okkażjonijiet il-proċeduri għall-għoti ta' għajnuniet ekonomiċi jiġu mxekkla mid-diversi konsulti li jkollhom isiru, u dan joħloq diffikultà l-oħra għall-faċilitazzjoni ta' għajnuna ċara għaċ-ċittadini ta' l-UE li jkunu jinsabu f'sitwazzjoni ta' emerġenza f'pajjiżi terzi. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tistudja l-possibilità ta' simplifikar u unifikazzjoni ta' dawk il-proċeduri ta' għotja ta' għajnuniet;

Or. es

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 28
Paragrafu 10 a (ġdid)

10a. Jitlob lill-Kummissjoni tanalizza l-possibilitajiet u l-impatt li l-ħolqien ta' Servizz ta' l-Affarijiet Barranin Ewropew, kif inhu previst fit-trattat ta' riforma, jista' jkollu fuq il-protezzjoni konsulari u diplomatika;

Or. de